DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR210613** **29.03.2021**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ispeaker Anġlu Farrugia jiġi pprezentat bir-rapport Proġett KomunitArja mill-President Marie Louise Coleiro Preca***

"L-eżitu tal-proġett KomunitArja li sar abbażi tar-riċerka li twettqet mill-kunsill tat-tfal fi ħdan il-Malta Foundation for the Wellbeing of Society, b'konsultazzjoni ma' madwar 900 tifel u tifla, fejn wasslu l-messaġġ tagħhom għal ħajja aħjar għalihom u għal dawk li ġejjin warajhom, l-għarfien dwar dan l-istudju għandu jitwassal lill-Kumitati Parlamentari rispettivi."

Dan kien il-messaġġ tal-Ispeaker Anġlu Farrugia fit-tmiem tal-konferenza li nżammet fil-Parlament. Hu qal li l-punti mressqa matul din il-konferenza wera b'mod li t-tfal għandhom dritt ugwali, kemm min jiflaħ iħallas u min le, li jkollhom l-istess aċċessibilità hekk kif din tkun il-vera solidarjetà attiva.

Matul il-konferenza, Martina Oliva, tfajla ta' 16-il-sena membru fi ħdan il-MFWS Children's and Young Person's Council, spjegat l-importanza tal-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal u għamlet referenza għall-artikli 2, 12, 24 u 31 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC). Hi spjegat li din ir-riċerka nżammet f'żewġ skejjel primarji, fi scout group, żewġ djar tat-tfal u żewġ baned tal-lokal ta' Ħaż-Żabbar. Minn din ir-riċerka l-aktar punt li spikka kien li t-tfal mhumiex kuntenti bl-ispazji miftuħa li għandhom bħalissa u jixtiequ jaraw aktar f'dan ir-rigward.

Il-President Emeritus Marie Louise Coleiro Preca, Chairperson tal-Malta Foundation for the Wellbeing Society, ipproponiet lill-Ispeaker sabiex jikkunsidra jibda jinżamm il-Parlament tat-Tfal għal dawk taħt it-18-il-sena, liema proposta l-Ispeaker ikkonferma li ser ikun qed jikkunsidra.

Il-konferenza kienet indirizzata wkoll mis-Sinjura Angie Caruana.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
**press.releases@gov.mt** **www.doi.gov.mt**